MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 249/2012

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Saviour Portelli (ID 784450M) sija bil-polza ta' l-assikurazzjoni u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Saviour Portelli**

**vs**

**Kunsill Lokali Naxxar u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fl-24 ta' Lulju 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit 12 ta' Awissu 2010 gewwa Triq is-Salina, Naxxar fejn il-vettura CBD 136 propjeta' tar-rikorrent Saviour Portelli u misjuqa mit-tifel tieghu Edward Portelli, waqghet go hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr twissija u senjaletika adegwata u wasslet sabiex sehh l-incident, talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsuhom is-somma ta' hamest elef, mija u hamsa u disghin Euro (€5,195.20), li tinkludi wkoll is-somma ta' mitejn hamsa u tletin Euro (€235) excess imhallsa mir-rikorrent Saviour Portelli u somma ohra ta' erbgha mija tlieta u tletin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€433.21) rappresentanti danni ulterjuri sofferti mir-rikorrent Saviour Portelli izda mhux koperta mill-assikurazzjoni rikorrenti.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta ippresentata fit-28 ta’ Awissu 2012 fejn eccepew, in linea preliminari, li l-Awtorita esponenti mhijiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra ir-rikorrent u dana peress illi l-Awtorita mhijiex responsabbli ghall-manutenjoni, riparazzjoni u zamma fi stat tajjeb tat-triq fejn sehh l-allegat incident stradali, peress illi tali triq ma tikkwalifikaw bhala triq artjerlai jew distributorja. L-Awtorita eccepiet ukoll illi l-allegazzjonijiet u pretenzjonjiet tar-rikorrenti kienu wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Naxxar ippresentata fl-14 ta’ Settembru 2012 fejn sahqet illi hija ma kellhiex tirrispondi ghad-danni peress illi l-isprall li wassal ghall-incident awtomobilistiku ma huwiex propjeta’ tal-Kunsill Lokali Naxxar u l-manutenzjoni u tiswja tat-triq fejn sehh l-incident ma hijiex responsabbilta’ tal-Kunsill Lokali Naxxar.

Semghet ix-xhieda ta’ **Edward Portelli**, sewwieq tal-vettura involuta fl-incident awtomobilistiku, moghtija fid 9 ta’ Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **Saviour Portelli**, propretarju tal-vettura CBQ 136, li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku, moghtija fid 9 ta’ Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **PC 1270 Anthony Zammit**, illi kien il-Pulizija illi wasal fuq il-post hekk kif sar ir-rapport ta’ l-incident awtomobilistiku u kien il-Pulizia illi nvestiga l-kaz, liema xhieda inghata fid 9 ta’ Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **John Portelli**, residenti gewwa Triq is-Salina, Naxxar, u li kien xhud kemm ta’ l-incident meritu tal-kawza odjerna kif ukoll ta’ incident simili illi sehhew fix-xhur u snin precedenti, liema vetturi lkoll spiccaw fil-propjeta’ tieghu bi hsara lill-propjeta tieghu, liema xhieda inghatat fil 15 ta’ Frar 2013 u fit 22 ta’ Marzu 2013 flimkien ma’ dokumentazjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Max Borg Bonello**, Deputy Manager fil-Motor Claims Department fi hdan is-socjeta rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, moghtija fit 22 ta’ Marzu 2013 flimkien ma’ dokumentazjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tas-**Supretendent Antonello Grech**, illi kien qed jinstaq fil-vicinanzi tal-vettura CBQ 136 misjuqa minn Edward Portelli u li ra l-incident isehh quddiem ghajnejh, liema xhieda inghata fit 28 ta’ Gunju 2013.

Rat illi fit 28 ta’ Gunju 2013 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Semghet ix-xhieda ta’ **Nicholas Baldacchino**, rappresentant ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta, moghtija fil 21 ta’ Ottubru 2013, flimkien ma’ dokumentazjoni minnu esebita.

Rat illi fid 9 ta’ Dicembru 2013 l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta’ **Paul Pace**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar, moghtija fid 9 ta’ Dicembru 2013 u fit 23 ta’ Mejju 2014 flimkien ma’ dokumentazjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Nicholas Baldacchino mightija fit 23 ta’ Mejju 2014.

Rat illi fit 23 ta’ Mejju 2013, wara illi l-partijiet iddikjaraw illi ma’ kellhomx aktar provi x’jippresentaw, saret it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi fit 12 ta’ Awissu 2010, illi Edward Portelli kien qed isuq il-vettura registrata fuq isem missieru, ossija Toyota Vitz CBQ 136, u kien qieghed isuq minn Naxxar sejjer fid-direzzjoni tas-Salina, fit-triq maghrufa bhala Triq is-Salina u li tibda mit-Telgha ta’ Alla u Ommu. Mument minnhom, filwaqt illi kien ghaddej mit-triq u beda jdur ma’ l-ewwel liwja illi hemm hekk kif taqbez it-triq illi fuq il-lemin taghti ghal-Maghtab, sejjer fid-direzzjoni tas-Salina, il-vettura tieghu dahhlet f’hofra illi kien hemm fuq ix-xellug tat-triq u, bhala rizultat, Edward Portelli tilef il-kontroll tal-vettura, liema vettura spiccat marret fil-karreggjata opposta tat-triq u inqalbet hekk kif laqtet il-bankina u spiccat gewwa l-ghalqa illi hemm biswit propjeta’ privata.

Jirrizulta mix-xhieda ta’ John Portelli, residenti ta’ propjeta privata illi tinstab ezatt biswit tali liwja, illi huwa ra il-vettura, li ma kienetx ghaddeja b’xi speed eccessiv, tidhol go hofra illi kien hemm fit-triq u li dwarha kienu ilu jirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti, u ra l-incident isehh, liema incident seta kellu konsegwenzi ferm aktar serji jekk mhux fatali kieku kienu gejjin vetturi mill-karregjata opposta.

Jirrizulta mix-xhieda ta’ l-istess John Portelli, illi ftit sieghat wara illi sehh l-incident, huwa induna illi xi hadd kien mar fuq il-post u imlew it-toqba illi kienet ikkawzat l-incident meritu tal-kawza odjerna bil-hot asfalt.

Jirrizulta wkoll illi l-istess John Portelli kien ilu jilmenta ma’ l-intimati li t-triq kellha difett illi kienet qed twassal sabiex vetturi jahbtu u jispiccaw fil-propjeta tieghu, u kemm il-Kunsill Lokali tan-Naxxar kif ukoll l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta kienu jirrifjutaw responsabbilta’ ghal tali triq peress illi kienu jindikaw tali responsabbilta’ fil-parti ‘l ohra.

Jirrizulta illi dak il-hin illi sehh l-incident, kien ghaddej minn hemm ukoll is-Superintendent Antonello Grech illi ikkonferma li l-vettura, li kienet gejja minn faccata tieghu, ma kienetx qed tinsaq b’xi velocita’ eccessiva meta sehh l-incident. Huwa kkonferma wkoll illi kien ta’ istruzzjonijiet minnufih sabiex l-awtoritajiet kompetenti jirrangaw it-toqba mill-aktar fis possibbli.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rappresentant ta’ l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta, illi l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, f’Awissu 1999, kienet ippubblikat “*gabra ta’ mapep li turi it-toroq arterjali u distributorji ta’ Malta u Ghawdex kollha*”, liema gabra ghadha tintuza mill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta sal-gurnata ta’ llum.

Jirrizulta illi t-triq fejn sehh l-incident, ossija Triq is-Salina, giet rikostruwita mill-gdid bejn is-snin 2003 u 2004 bhala parti minn progett ta’ rikostruzzjoni maghrufa bhala ‘**Il-Bypass tas-Salina - Birguma**’ u ghalhekk ma tikkonfigurax fit-toroq la’ arterjali u lanqas distributorji indikati mill-Awtorita’ tal-Ippjanar, illum MEPA.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi minn meta t-triq fuq imsemmija giet rikostruwita ‘l hawn, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar qatt ma kien involut fil-manutenzjoni tat-triq, liema manutenzjoni kienet dejjem issir mill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, il-kwistjoni illi jidher bic-car li kien dibattut bejn il-partijiet ma kienx l-incident per se u l-ispejjez inkorsi bhala rizultat ta’ l-incident, liema spejjez del resto gew dokumentati mir-rikorrenti.

Il-kwistjoni li wasslet sabiex il-kwistjoni tingieb quddiem dina l-Qorti hija unikament ipprenjata fuq il-kwistjoni dwar min huwa responsabbli ghat-triq u, konsegwentement il-hsarat dovuti rizultat ta’ nuqqas ta’ manteniment tat-toroq - il-Kunsill Lokali tan-Naxxar jew l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta?

L-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta tikkontendi illi la it-triq ma kienetx giet indikata mill-Awtorita’ ta’ Ippjanar bhala triq arterjali jew distributorja fir-rapport minnha mahrug f’Awissu 1999, allura il-Kunsill Lokali tan-Naxxar huwa responsabbli.

Il-Kunsill Lokali Naxxar, da parte tieghu, dejjem sahaq illi huwa qatt ma kienx responsabbli ghall manutenzjoni tat-triq kollha, inkluz il-parti tat-triq fejn sehh l-incident gewwa Triq is-Salina, izda manutenzjoni kien qed isir direttament mill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta.

In vista ta’ tali veduti divergenti, il-Qorti ikollha ta’ bilfors tevalwa id-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet u tasal gall-konkluzjonijet taghha.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, skond l-Artikolu 7 tal-Kap 499 intitolat **Att dwar l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta**, li fost is-setghat u funzjonjiet specifikatament in konnessjoni mat-toroq u trasport stradali, sub artikolu (b) jipprovdi illi wahda mill-funzjonijiet taghha hija:

> *li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi ’l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta’ servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l- formazzjoni mill-ġdid ta’ toroq eżistenti:*
>
> *Iżda meta l-manutenzjoni ta’ xi triq tkun taqa’ taħt ir- responsabbiltà ta’ Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta’ dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta’ dik ir-responsabbiltà, il- funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:*

L-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57 dwar **Toroq Godda u Xoghlijiet f’Toroq** tipprovdi illi

*3. (1) L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impri\a, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:*

*Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il- Kunsilli Lokali.*

*(2) L-Awtorità ghandha taghmel dak kollu li tista' biex tizgura l-oghla livelli ta' kwalità u sigurezza fil-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, manutenzjoni jew xoghlijiet ohra f'toroq u li dawk ix- xoghlijiet isiru biss minn kuntratturi kif imfissra taht dawn ir- regolamenti.*

*(3) L-Awtorità ghandha zzomm elenku, li jkun disponibbli meta jintalab, tat-toroq kollha kif klassifikati minnha u hi tista', f'kull hin, thassar jew izzid toroq f'dak l-elenku.*

Jirrizulta, mill provi prodotti, illi l-Awtorita ma ghandha ebda elenku disponibbli meta tintalab, tat-toroq kollha kif minnha klassifikati u tistrieh biss fuq id-dokument mahrug mill-Awtorita ghall-Ippjanar f'Awissu 1999.

Jirrizulta illi l-Artikolu 33 (1) (a) tal-Kap 363 **Dwar il-Kunsilli Lokali** jipprovdi, inter alia, illi fost ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill Lokali hemm ukoll

*li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall- manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata:*

*Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

Is-sub artikolu (2) ta' l-istess Artikolu 33 imbghad jipprovdi illi

*monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, skont is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

Ir-Raba Skeda li tinstab fl-Att 363 imbghad tindika t-toroq li ma humiex responsabbilta' tal-Kunsill Lokali bhala "*It-toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali*".

Fil-gabra ta' mapep mahruga mill-Awtorita ta' l-Ippjanar f'Awissu 1999 u vigenti sal-gurnata ta' llum, l-Awtorita taghmel definizzjoni ta' x'ghandhom ikunu toroq arterjali u distributorji. Di fatti, l-Awtorita' ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Generalment toroq arterjali jkunu dual-carriageway, jigifieri li toroq ikunu wiesgha bizzejjed biex ikun hemm zewgt lanes ghat-traffiku fuq kull naha tat-triq. Toroq arterji jinghaqdu ma' toroq ohra li jkunu ta' grad differenti. In-network*

*tat-toroq artjeri jintuzaw minn karozzi tal-linja fuq rotot twal izda m'ghandhom jintuzaw ghall-parkegg ta' karozzi jew biex ikun hemm access dirett ghall propretajiet individwali.*

*Minn naha l-ohra, toroq distributorji iservu biex jaghtu access ghat-toroq arterji. Toroq distributorji ghalhekk jintuzaw primarjament ghal traffiku lokali jew distrettwali. Il-bicca il-kbira tar-rotot tal-karozzi tal-linja juzaw it-toroq distributorji. Dawn it-toroq iservu wkoll ta' access ghal xi propretajiet. Normalment toroq distributorji jkolhom carriageway wahda. il-parkegg f'dawn it-toroq distributorji ghandu jkun kemm jista jkun ristrett."*

**Ikkunsidrat**

In vista tal-abdikazzjoni da' parte kemm tal-MEPA kif ukoll tal-Awtorita ghat-Traspoort f'Malta mid-doveri taghhom illi jindikaw b'mod car u minghajr ekwivoku u fuq bazi recenti it-toroq arterjali u distributorji in operazzjoni f'Malta u Ghawdex, il-Qorti ser ikollha taghmel il-kostatazzjonjiet taghha, abbazi tar-regolamentazzjoni fuq indikata, sabiex tikkunsidra jekk Triq is-Salina ghandhiex tkun indikata bhala triq arterjali jew distributorja jew jekk ghandhiex titqies bhala triq taht il-kompetenza tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Triq is-Salina hija triq illi tghaqqad it-triq arterjali maghrufa bhala Triq is-Salini ma' triq arterjali ohra maghrufa bhala Triq in-Naxxar.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Triq is-Salina tidhol fid-definizzjoni ta' triq distributorja kif definita mill-MEPA fir-rapport taghha ta' Awissu 1999, peress illi tali triq ghandha carriageway wahda, ghandha parkegg limitat, tintuza minn rotta tal-karozza tal-linja u tghaqqad zewgt toroq arterjali kif fuq indikat.

Tali konsiderazzjoni, wahedhom, huma sufficjenti sabiex dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni ili t-triq ghandha tigi kkunsidrata bhala triq distributorja. Madanakollu, il-konvinciment ta' dina l-Qorti huwa imsahhah minn dokumentazzjoni ippresentata mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar u mibghuta lilhom mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tul is-snin wara illi t-triq regghet inbniet mill-gdid, liema dokumentazzjoni turi bl-aktar mod car illi anke l-Awtorita stess tqis tali triq bhala wahda distributorja!

Jirrizulta, di fatti, illi, permezz ta' email datata 30 ta' Ottubru 2012, mibghuta mic-CEO ta' dak iz-zmien tal-Awtorita Dr Stanley Portelli lill-Kummissarju tal-Pulizija u is-Sindku tal-Kunsill Lokali Naxxar (fol 128), huma gew mgharrfa illi l-Awtorita kienet qieghda tinvesti hafna f'toroq godda u fosthom regghet ghamlet 're surfacing' tat-triq maghrufa bhala it-Telgha t'Alla u Ommu, u stiednet lill-mittenti sabiex jassikuraw li vetturi bil-concrete ma jergghux jaghmlu hsara lit-triq.

Ghalkemm dina l-ittra, minnha innifisha, turi bl-aktar mod car, illi l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta kienet qed tassumi responsabbilta' tal-manutenzjoni tat-triq illit ifforma parti minn Triq is-Salina, jirrizulta illi s-sitwazzjoni kienet gia cara daqs il-kristall fil 11 ta' Awissu 2004, meta id-deputy CEO ta' l-Awtorita, David Sutton, kien kiteb lis-Sindku tan-Naxxar dwar "**Il-Bypass tas-Salina - Birguma**" u qal is-segwenti fatti illi jenthieg illi jigu riprodotti sabiex ikunu a korrent ta' kullhadd, inkluz l-istess Awtorita' illi illum qieghd tinnega r-responsabbilta' tat-triq is-Salina.

Id-deputy CEO ta' l-Awtorita intimata kiteb dan li gej:

> *"As you are aware, the road works on the service roads are reaching completion and following discussions with MEPA, it has been agreed that the new by-pass road is to be classified as a 'Distributor Road'. Therefore, any maintenance and upkeep of the new by-pass shall be the responsibility of the Malta Transport Authority. The responsibility for maintenance and upkeep of the parallel service roads, on the other hand, shall remain with the Local Council"*

Tali ittra, li titkellem dwar "**il-bypass tas-Salina - Birguma**" taghmilha bl-aktar mod car illi it-triq kollha tas-Salina inkluz il-parti go ta' Birguma, ghandha tkun responsabbilta' ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, peress illi ghandha titqies bhala Triq Distributorja.

In vista ta' tali ittra, l-Qorti ma tistax tifhem kif l-Awtorita tista tikkontendi li tali triq ma hijex wahda li taqa' taht il-kompetenza taghhom meta kienu huma stess li stqarrew dan meta tlestiet it-triq!

Ghalhekk, johrog car illi r-responsabbilta' tal-manutenzjoni tat-Triq is-Salina ghandha tkun unikament ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, kif del resto dejjem gara, u ghalhekk huma ghandhom jirrispondu ghal xi nuqqas f'kaz illi xi hadd isofri xi hsarat rizultat' ta' nuqqas ta' manutenzjoni.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Taqta u tiddeciedi l-vertenza imqajjma quddiemha billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Naxxar u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

**Tilqa** it-talba attrici u, filwaqt illi tiddikara illi hija l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta illi hija unikament responsabbli ghall-manutenzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar peress illi dina ghandha titqies bhala Triq Distributorja, tiddikjara illi, bhala rizultat, l-istess Awtorita ghat-Trasport f'Malta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti GasanMamo Insurance Limited u Saviour Portelli kif deskritti fl-avviz u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta thallas lill-GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' erbat elef, hames mija u sitta u ghoxrin euro u disgha u disghin centezmu (€4,526.99) u thallas lill-Saviour Portelli is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€688.21), kif ahjar deskritti fl-avviz.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni kif mitluba, inkluz dawk tal-Kunsill Lokali Naxxar, ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

**Bl-imghax** mit 13 ta' Gunju 2011, data ta' l-ittra ufficjali lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------